Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 16/2010 AE

**Katald Galea (I.D. 394634M)**

**vs**

**Denise Galea u għal kull interess li jista' jkollha Michelina Galea**

21 t'Ottubru 2016

Ir-rikorrent kien jikri lil Ġużeppi Muscat l-fond bin-numri 1, 2 u 3 Triq il-Patrijiet, Rabat, bħala *casa bottega*. Il-kerrej miet fit-2 ta' Diċembru 2009. Permezz ta' rikors ippreżentat fis-26 ta' Jannar 2010, ir-rikorrent talab lill-Bord li Jirregola l-Kera jiddikjara li l-kirja ġiet mitmuma u li għalhekk l-intimati qegħdin jokkupawh mingħajr titolu.

L-intimati wieġbu:

1. il-ġudizzju mhux integru għaliex ir-rikorrent mhux l-uniku proprjetarju. Din l-eċċezzjoni ġiet irtirata b'verbal fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2010.

2. Michelina Galea ma vvantat l-ebda jedd fuq il-fond u għalhekk mhix leġittimu kontradittur

3. Skont l-artikolu 1531 tal-Kodiċi Ċivili il-liġi applikabbli biex jiġi identifikat is-suċċessur fit-titlu ta' Ġużeppi Muscat hija dik ta' qabel l-1 ta' Ġunju 1995 u ċjoe` l-Kap 69 u mhux l-emendi mdaħħlin bl-Att X.2009

4. L-intimata Denise Galea tikkwalifika bħala kerrej skont l-istess liġi applikabbli.

B'sentenza tat-8 ta' Jannar 2015 il-Bord li Jirregola l-Kera laqa' t-talba.

L-intimati appellaw mis-sentenza bl-aggravju li:-

Michelina Galea, minkejja li eċċepiet li ma tivvanta l-ebda jedd, kif jirrikonoxxi r-rikorrent innifsu fir-rikors promotur, u minkejja li ma ressaq l-ebda prova dwar l-interess tagħha, xorta waħda ġiet ikkundannata, għar-raġuni li kienet tmexxi l-ħanut hi sakemm miet Ġużeppi Muscat.

Il-Bord aċċetta li Denise Galea hi membru tal-familja tal-kerrej u li kienet toqgħod miegħu meta miet, imma mbagħad ċaħad l-eċċezzjoni tagħha billi

ddikjara li kienet in *mala fede* – rekwiżit li ma jinstabx fil-liġi. Il-Bord donnu abbina l-*buona fede* man-neċessita` u dan għamlu abbażi tas-sentenza **Dr John Agius v Marlene Copperstone,** li għandha fattispeċje għal kollox differenti. Dik is-sentenza stabbilit li persuna tista' tikkwalifika bħala kerrej ta' residenza fejn tkun toqgħod mal-kerrej meta jmut allavolja jkollha residenza oħra, f'każ ta' neċessita`. Fi kwalunkwe każ il-Bord għamel apprezzament ħażin tal-provi meta kkonstata li ma kienx hemm neċessita` u meta sab li Denise Galea kienet in mala fede meta l-appellat ma ġieb l-ebda prova dwar dan.

Katald Galea permess tar-risposta tal-appell, wieġeb li:

1. is-sentenza hija waħda ġusta.

2. l-appell ta' Michelina Galea huwa wieħed frivolu għax magħmul għall-ispejjeż li quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera huma irriżorji. Il-Bord sab li ma kellux tort li jiċċitaha fil-kawża. Michelina Galea kienet tmexxi l-ħanut fid-data tal-mewt tiegħu.

3. l-ittra li esibiet mar-rikors tal-appell mhix ammissibbli billi setgħet ipproduċieta waqt is-smiegħ tal-provi quddiem il-Bord.

4. l-appellanti jiċċitaw **Palmier v Biggerstaff** fejn jingħad li 'familja' għandha tittieħed fit-tifsir ordinarju tagħha. Normalment, wieħed ma jqisx lil Denise Galea, li l-kerrej jiġi ħu nannitha bħala membru tal-familja.

5. il-Bord aċċetta tifsira wiesa tal-kunċett ta' 'familja'. Dan iżda m'għandux jitwessa inutilment.

6. l-appellanti jiċċitaw **Joseph Caruna v Salvatore Pulis** (Qorti tal-Appell 03.12.1975) li tinkludi fil-'familja' dawk li trabbew mal-kerrej. Denise Galea iżda ma trabbietx ma' Ġużepp Muscat.

7. 'residenza' mhix definita mil-liġi. Imma l-iskop tal-liġi hu li persuna ma ssibx ruħha f'nofs ta' triq. Denise Galea kellha fejn toqgħod mal-ġenituri tagħha.

8. is-sentenza **Emmanuele Gauci v Paolo Borg** iċċitata mill-appellanti torbot il-jedd tal-okkupazzjoni mal-bżonn.

9. l-istess sabet is-sentenza **Agius v Copperstone.**

10. Huwa minnu li Agius v Copperstone kienet dwar meta jkun hemm iktar minn residenza waħda iżda dan ma jfissirx li l-kriterju tal-neċessita` ma japplikax għall-każ fejn il-pretendent ma jkollux residenza oħra.

11. Ġużeppi Muscat kien kapaċi jgħix waħdu u jieħu ħsieb tiegħu innifsu u għalhekk ma kien hemm l-ebda neċessita`.

12-16. jidher ċar li Denise Galea marret toqgħod miegħu bi skop ulterjuri.

17. mhux minnu li l-Bord ivvinta kriterju ġdid għax huwa ovvju li ħadd ma jista' jaġixxi in mala fede.

18. fir-rikors tal-appell Denise Galea tgħid li kienet in bwona fede. Kollox iżda jindika l-oppost. M'hemmx bżonn tbiddel il-karta tal-identita` biex tgħin lil ħaddieħor.

19. **Gauci v Mizzi** (17.10.2002, Qorti tal-Appell (Inferjuri) stabbiliet li kirja magħmula in *mala fede* mis-sidien ma tistax titqies li tkun magħmula taħt kundizzjonijiet xierqa. *A contrariu sensu*, il-kerrej ma jistax ikun in mala fede hu. Il-kunċett tal-bona fidi huwa bażi tal-liġijiet kollha kemm huma.

20. **Giovanna Spiteri v Loreto Zerafa** (09.07.2008 Qorti tal-Appell), li kienet dwar art agrikola, stabbiliet li l-bżonn tas-sid li jieħu lura r-raba irid ikun ġenwin u mhux biex japrofitta ruħu. Hekk ukoll għandu jkun il-bżonn tal-inkwilin.

21. l-aggravju fil-paragrafu 4 tar-rikors tal-appell huwa purament fattwali. Il-Qorti tal-Appell iżda ma tiddisturbax il-konklużjonijiet tal-prim'istanza.

22. fil-paragrafu 2 tar-rikors tal-appell, l-appellanti ssostni li l-Bord għamel interpretazzjoni ħażina tal-liġi meta nterpreta r-rekwiżiti tal-art. 2(b) Kap 69. L-appellat ma jaqbilx. Inoltre, interpretazzjoni ħażina tal-liġi tagħti lok għal ritrattazzjoni u mhux għal appell.

Fir-risposta tal-appell tiegħu, l-appellat ma jikkontestax il-konklużjoni tal-Bord li japplika għal dan il-każ l-artikolu 2(b) tal-Kap 69.

## <u>Konsiderazzjoni.</u>

Għal dawk li huma fatti, fis-sentenza l-Bord qal:

*"Il-fond jikkonsisti f'hanut u residenza originarjament mikrija lil Giuzeppi Muscat li miet fit-2 ta' Dicembru 2009 fl-eta ta' 85 sena. Huwa kien joqghod flimkien ma hutu bniet Francesca u Theresa li mietu f'Lulju 1990 u f'Dicembru 1992 rispettivament. Jemergi ukoll illi Giuzeppi Muscat kien ghadu f'sahhtu almenu sa sentejn qabel miet tant li kien isajjar hu, johrog ma' shabu b'mod regolari u ma kellu l-ebda dipendenza fuq hadd. Minkejja dan, wara l-mewt ta' hutu kien ihossu wahdu u ghalhekk l-intimata Denise Galea iddecidiet li tibda tirrisjedi mieghu meta ghalqet tmintax-il sena u baqghet tghix mieghu sad-data tal-mewt. Kwantu ghall-hanut, in subizzjoni Denise Galea xehdet illi kienet tmexxi kollox hi, taghmel l-ordnijiet u l-accounts u li wara l-mewt taz-ziju qelbet il-licenzja ghal fuqha. Meta xehdet per via ta' affidavit, l-intimata provdiet verzjoni differenti billi qalet illi "Jien bdejt immexxi dan il-hanut wara l-mewt taz-ziju Guzeppi u xi kultant tigi ommi tghini. Nixtieq nippreciza ghalhekk illi qabel ma miet iz-ziju Guzeppi, il-hanut ma kontx immexxih jien, xi kultant nghin fl-accounts u f'xi ordnijiet, pero' ma kellix introjtu minnu. Kien biss wara l-mewt taz-ziju Giuzeppi li bdejt immexxih jien".*

Il-Bord beda biex jgħid li l-Artikolu 1531B tal-Kodiċi Ċivili[1] ma kienx japplika peress li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010, peress li *"... il-quid juris regolanti l-posizzjoni tal-intimata hija dik il-ligi veljanti fid-data tal-mewt tal-inkwilin, iġifieri Diċembru 2009 għaliex dak huwa l-punt ta' riferenza meta l-intimata setat tissuċċedi fil-kirja. Hija għalhekk il-fehma ta' dan il-Bord illi l-vertenza odjerna hija regolata bil-liġi speċjali Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta."* L-Artikolu 1531F tal-Kodiċi Ċivili jagħti definizzjoni ta' inkwilin ta' fond residenzjali. Madankollu fil-każ in eżami, l-inkwilin miet f'Diċembru 2009, ċjoe' qabel daħlet fis-seħħ din id-disposizzjoni (1 ta' Jannar 2010). Sabiex jigi determinat jekk Denise Galea tikkwalifikax bħala kerrej, irid jigi determinat x'kienet is-sitwazzjoni fid-data tal-mewt tal-inkwilin. Dak hu l-punctum temporis rilevanti ghall-eżitu tal-kwistjoni. Ġialadarba l-Artikolu 1531F daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010, m'huwiex rilevanti għal każ in eżami. Għalhekk il-Bord kellu jiddeċiedi jekk fiż-żmien tal-mewt tal-inkwilin, Denise Galea kinitx kerrej skond id-definizzjoni li hemm fil-Kap. 69. Dik kienet il-liġi applikabbli fiż-żmien li miet l-inkwilin. Għalhekk il-qorti taqbel mal-fehma tal-Bord li l-kwistjoni dwar jekk l-appellanti kinitx kerrej wara l-mewt tal-inkwilin, kellha tiġi deċiża a bażi tal-liġi speċjali u mhux l-emendi ntrodotti bl-Att X tal-2009.

Il-Bord irraġuna li fl-ewwel lok l-inkwilin Ġużeppi Muscat kien kapaċi jieħu ħsieb tiegħu innifsu u fit-tieni lok Denise Galea kellha fejn toqgħod ċjoe` mal-ġenituri tagħha. Għalhekk ma kienx hemm l-ebda ħtieġa li tmur toqgħod miegħu. F'dan ir-rigward għamel riferenza ghas-sentenza **Agius v Copperstone**[2], u kkonkluda li biex persuna tikkwalifika bhala kerrej il-Bord kellu jkun sodisfatt li kien hemm in-neċessita min-naħa tal-inkwilin li tmur tgħix miegħu Denise Galea. Il-Bord ikkonkluda li mill-provi kien jirriżulta li ma kien hemm l-ebda ħtieġa li Denise Galea tmur tgħix ma' Joseph Galea. Fid-dawl tal-raġunament tal-Bord, l-aggravju tal-appellanti u t-tweġiba tal-appellat, hu opportun li tingħata rassenja tal-ġurisprudenza rilevanti.

Skont artikolu 2 tal-Kap. 69, kerrej tfisser ukoll:

*"fil-każ ta' dar ta' abitazzjoni meta l-kerrej ma jħallix warajh armla jew armel, dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li jkunu joqogħdu miegħu fiż-żmien tal-mewt tiegħu."*

Għalhekk il-Kap 69 jirrikjedi żewġ rekwiżiti sabiex persuna tikkwalifika bħala kerrej wara l-mewt tal-kerrej oriġinali meta dan ma jħallix warajħ armla jew armel:

---

[1] *"Ghal kirja li kienet fis-sehh qabel l-1 ta' Gunju, 1995, ghandha tibqa' tgħodd il-liġi kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, hekk iżda li mill-1 ta' Jannar 2010 għandhom japplikaw l-artikoli 1531C, 1531D, 1531E, 1531F, 1531G, 1531H, 1531I, 1531J u 1531K."* L-appellat kien qiegħed isostni li għal każ japplikaw l-Artikoli 1531F u l-Artikolu 1531K tal-Kodiċi Ċivili (ara paġna 3 tan-nota ta' sottomissjonijiet).

[2] Prim'Awla, 25.5.1966.

(1) ikun **membru tal-familja tiegħu**; u

(2) ikun **joqgħod miegħu** meta jmut[3];

Matul iż-żmien żviluppat ġurisprudenza estensiva dwar min jista' jitqies li huwa membru tal-familja u dwar xi jfisser li tkun toqgħod mal-kerrej.

**<u>Familja</u>:**

**Il-kunċett ta' "familja" mhux definit mill-Kap 69, u għalhekk għandu jittieħed fit-tifsira komuni tiegħu. Il-Qrati għalkemm kienu jirrestrinġu l-kunċett għal min ikun qarib bid-demm, biż-żmien wessgħu dan il-kunċett:**

*"hu fatt li fid-Dritt Giustinianeo, u precizament bin-Novella 118, il-koncett espress tal-kelma "familja" gie estiz u aktar armonizzat mas-sens naturali, u liberat mill-artificjalita` tal-"patria potestas", u gie maghmul li jikkomprendi **dawk kollha kongunti permezz tad-demm u dixxendenti wahda mill-ohra jew minn stipiti komuni**"*[4];

*"b'applikazzjoni tad-Dritt tal-Gustinjan (Novella 118), is-sentenza riportata a **Vol.XXXVII P I p 568** ikkomprendiet fit-tifsira tal-kelma "familja", "dawk kollha kongunti permezz tad-demm u dixxendenti wahda mill-ohra jew minn stipiti komuni"... tajjeb li jigi rilevat illi **skond kazistika aktar recensjuri** gie profess li t-tifsira ta' l-espressjoni **"membri tal-familja tal-kerrej ma kellhiex tkun ristretta ghall-konsangwini biss.** Intqal a propozitu fis-sentenza '**Joseph Caruana -vs- Salvu Pulis**', Appell Inferjuri, 3 ta' Dicembru 1975: '**hekk kif is-semplici parentela mhix bizzejjed biex wahedha u dejjem tirrendi lil dak li jkun membru tal-familja tal-kerrej ghall-finijiet premessi, hekk ukoll il-fatt li wiehed ma jkunx imparentat fis-sens strett u formali mhuwiex wahdu u dejjem sufficcjenti biex jeskludih mill-'membership' tal-familja** tal-kerrej ghax jista', fil-kazijiet kongruwi u in principju eccezzjonali, ikun hemm **cirkostanzi specjali** li jiggustifikawh jitqies tali mill-bnedmin ordinarji, u huwa dan it-test li jigi applikat ghall-finijiet tad-**disposizzjoni korrispondenti tal-ligi Ingliza** li minnha din taghna hi ispirata ... Hekk per ezempju hawn Malta f' '**Vincent Zammit -vs- Vincent Kerr**', Appell Inferjuri, 11 ta' Marzu 1966 gie deciz li l-konvenut li kien ilu snin jghix mal-kerrej, kien isejjahlu 'missier' u n-nies kollha kienu jafuh bhala ibnu, kien jew ma kienx iben naturali tieghu, xorta wahda kellu fic-cirkostanzi jitqies li kien membru tal-familja tieghu ghall-finijiet ta' din il-ligi"*[5]

**<u>Ikun joqgħod miegħu meta jmut:</u>**

(i) *"Il-liġi fl-artikolu 2 **ma teżiġi ebda minimu ta' żmien ta' koabitazzjoni** biex membri tal-familja tal-inkwilin ikollhom dritt favur tagħhom għar-rilokazzjoni tal-post lokat; iżda trid biss li dawn il-membri "jkunu joqgħodu" (were residing)*

---

[3] Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-kawza **Grima vs Eminyan**, 28 ta' Marzu, 2008.

[4] **Wisq Rev. Padre Leone Zammit –vs- Antonio Farrugia et**, Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri), 13 ta' Gunju 1953.

[5] **George Bugeja v Joseph Spiteri**, 10.05.2006, Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri).

*ma' l-inkwilin oriġinali.'*[6]

(ii) Ir-residenza **hi stat ta` fatt** li trid tirriżulta mill-provi tal-każ [7]. Fost l-oħrajn huma rilevanti biex tiġi ppruvata r-residenza:

- l-irqad u mistrieħ regolari fil-fond in kwistjoni;
- il-fatt li fil-fond oġġett tal-kirja jinżammu l-oġġetti personali u l-ħwejjeġ ta' min jippretendi li għandu residenza;
- il-fatt illi f'din ir-residenza huwa jgħaddi ż-żmien liberu tiegħu fejn hu jipprattika d-delizzji tiegħu u jagħmel ix-xogħol personali tiegħu;
- il-fond fejn wieħed jippranza;
- il-fond fejn wieħed jirċievi l-korrispondenza;
- il-fond fejn wieħed jilqa' l-ħbieb, u fejn ħbieb u terzi jistennew li jsibu lil min hu hemm residenti.

(iii) Ir-residenza ordinarja trid tirriżulta minn sensiela ta' fatti ppruvati, bħal dawk li għadhom kif issemmew, li iżda fil-kisba tagħha **ma hemm xejn awtomatiku**. Għalhekk il-fatt li persuna jkollha dokumenti li *prima facie* jattestaw konnessjoni tagħha mal-fond, bħall-inklużjoni fir-Reġistru Elettorali, ir-reġistrazzjoni mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u mal-Korporazzjoni Xogħol u Taħriġ mhumiex prova nkonfutabbli ta' residenza. Huwa paċifiku li r-Reġistru Elettorali jikkostitwixxi biss prova li trid tiġi verifikata, li tista' tkun korroborattiva, iżda mhux neċessarjament u dejjem konklussiva [8]. Lanqas il-mobbli jew effetti oħra personali li wieħed jista' jkollu fil-fond m'huma prova *sine qua non* [9].

(iv) **L-oneru tal-prova** ta' l-effettiva residenza mal-inkwilin fiż-żmien tal-mewt tiegħu hi fuq dak li jippretendi li hu kerrej skont l-artikolu 2 tal-Kap. 69.

(v) *"Fin-nuqqas ta' definizzjoni fil-liġi il-kelma "toqgħod" (reside) trid titqies fis-**sinifikat tagħha ordinarju**, ċioè li wieħed ikun joqgħod permanentament fil-post u li wieħed jikkunsidra l-post bħala r-residenza ordinarja u normali tiegħu.'*[10]

(vi) *"……biex parenti jkun jista' jitlob b'suċċess il-protezzjoni tal-Kapitolu 109, ir-residenza tiegħu mat-tenant ma tridx tkun każwali, jew saltwarja, jew għal sempliċi kumdita `aħjar, jew ta' sempliċi pjaċir, jew ispirata minn dik il-ħtieġa ta' kambjament ta' ambjent li anke tagħmel ġid għas-saħħa u għall-moħħ, imma trid tkun ir-residenza ordinarja tal-bniedem, anke jekk għall-bżonn mhux l-unika residenza tiegħu, imma dejjem ħaġa mposta min-neċessita`. Hekk, per eżempju,*

---

[6] **Carmelo Agius v John Agius**, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 02.12.1994; **Fortunata Busuttil v Josephine Borg**, 28.07.2016, Prim'Awla.
[7] **Agius vs Copperstone et**, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 25 ta' Mejju 1966.
[8] **Calleja et vs Ellul**, Qorti tal-Appell, 29 ta` Novembru 1996.
[9] **Galea noe vs Di Donna**, Qorti tal-Appell Inferjuri, 17 ta` Marzu 2003.
[10] Carmelo Agius v John Agius, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 02.12.1994.

*fil-fehma ta' din il-Qorti, residenza għal perijodi ta' leaves anke annwali u regolari mhix biżżejjed għall-finijiet ta' dan l-artikolu tal-liġi."*[11]

(vi) **F'każ ta' bżonn, persuna tista' tkun toqgħod f'iktar minn post wieħed**. Ingħad li, *"L-element ta' residenza ġie nterpretat mill-ġurisprudenza tagħna fis-sens li **mhux biżżejjed li jkun hemm mere physical presence** imma l-post kien permanently his **ordinary** residence u his **only** residence."*[12]

(vii) Ingħad ukoll illi jista' jkun li persuna toqgħod f'iktar minn post wieħed għall-finijiet tal-artiklu 2 tal-Kap 69 **f'każ ta' neċessita**. Hekk pereżempju, fil-każ **Emmanuele Gauci v Paolo Borg** (14.12.64) il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) iddeċidiet dwar każ fejn l-intimat kien ilu tnax-il sena jorqod m'ommu u kien jieħu miegħu żewġ uliedu, għalkemm kellu post ieħor żgħir ħafna, fejn kienu jabitaw martu u wliedu. Wara l-mewt t'ommu l-lokazzjoni għaddiet fuqu, għaliex sistema ta' ħajja hekk regolari, u hekk fit-tul, **imposta mill-bżonn tal-użu tal-fond għall-akkomodazzjoni tal-intimat nnifsu u parti mill-familja tiegħu għall-irqad ta' kuljum** ġie kkunsidrat li kellu jitqies bħala 'residenza' għall-finijiet tal-Kapitolu 69.

Il-kawżali li ppropona l-appellat fir-rikors promotur hi:

*"Illi entrambi l-intimati jirrisjedu bħala familja ġewwa fond ieħor, u l-ebda waħda minnhom ma tissodisfa r-rekwiżiti legali sabiex jitqiesu bħala inkwilin ġodda;*

*Illi għalhekk il-lokazzjoni tal-fond de quo skadiet u l-intimati m'ghandhom l-ebda jedd ikomplu jokkupaw dan il-fond."*

Mill-provi rriżulta li:

i. Denise Galea hi bint in-neputi tal-inkwilin Joseph Galea. Omm missierha kienet oħt Joseph Galea. Għalhekk tikkwalifika bħala membru tal-familja;
ii. Denise Galea ghamlet xejn inqas minn disa' snin tgħix b'mod permanenti mal-inkwilin u meta miet kienet għadha tgħix miegħu. Lanqas ma rriżulta mill-provi li f'dawk is-snin kollha l-appellanti kellha residenza ordinarja f'post ieħor;

L-istess Bord ikkonkluda li:

***".... Ladarba teżisti konsangwinita' u l-abitazzjoni mal-kerrej preċedenti l-mewt tiegħu, l-intimata għandha titqies bħala kerrejja tal-fond fit-termini tal-Kapitolu 69."***

Madankollu mbagħad il-Bord għadda biex jikkunsidra kienx hemm neċessita li

[11] **Dottor John Agius v. Marlene mart Dottor Henry Copperstone**, 25.05.1966, Prim'Awla, Imħallef Maurice Caruana Curran (Vol. L.i.225).
[12] **Carmelo Agius v John Agius**, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 02.12.1994.

Denise Galea tmur tgħix ma' Joseph Galea u qal: *"Il-Bord għalhekk jeħtieġ li jkun konvint illi kien hemm dik in-neċessita min-naha tal-inkwilin li tirrisjedi miegħu it-tifla tat-tifla ta' oħtu u xi ħtieġa kellha din biex tgħix mal-kerrej."* Pero' biex persuna tikkwalifika taħt id-definizzjoni ta' kerrej mhux meħtieġ li jintwera li marret tgħix mal-inkwilin biex iddur bih, jew li m'għandhiex fejn toqgħod. Inoltre, l-kunċett ta' neċessita jidher li ġie addottat fejn il-persuna li qegħda ssostni li hi kerrej, ikollha iktar minn residenza waħda (ara per eżempju **Grima vs Eminyan** ta' din il-qorti tat-28 ta' Marzu 2008 u sentenzi oħra ċitati fiha). Dik kienet ukoll is-sitwazzjoni fis-sentenza **Agius vs Copperstone**, li a bażi tagħħa l-Bord ikkunsidra kienx hemm neċessita li l-inkwilina tabita mal-inkwilin. Il-Bord Li Jirregola l-Kera qal ukoll li Denise Galea kienet in *mala fede* meta marret tgħix ma' Joseph Galea. Fatt li fil-fehma tal-qorti m'huwiex konfermat mill-provi. Għalkemm irriżulta li l-inkwilin kien persuna indipendenti, b'daqshekk ma jfissirx li Denise Galea marret tgħix miegħu sabiex il-kirja ddur f'isimha ladarba jmut. F'kull każ minn meta telqet mid-dar u marret tgħix ma' Joseph Muscat, għaddew xejn inqas minn disa' snin.

Fir-rigward ta' Michelina Galea, din ġiet imħarrka *"għall-interess li jista' jkollha"* u fir-risposta tagħha għar-rikors quddiem il-Bord iddikjarat li ma kienet qed tippretendi l-ebda jedd fuq il-fond in kwistjoni. Mill-provi ma jirriżultax li din l-appellanti qatt ippretendiet li kienet kerrejja u wisq inqas li kien toqgħod fil-fond. Għalhekk fin-nuqqas ta' prova li kienet leġittimu kontradittur tal-appellat, kellha tintlaqa' l-eċċezzjoni li tat[13] u tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Għal dawn il-motivi, tħassar is-sentenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera tat-8 ta' Jannar 2015 u:**

i. **Tiddikjara li Michelina Galea m'hijiex leġittimu kontradittur u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju.**
ii. **Tiddikjara li Denise Galea hi kerrej tal-fond oġġett tal-kawża u għalhekk tiċħad it-talba tar-rikorrent.**

**L-ispejjez tal-prim'istanza u tal-appell huma kollha a karigu tar-rikorrent Katald Galea**.

Anthony Ellul.

---

[13] L-eċċezzjoni taqra: *"l-intimata Michelina Galea m'hijiex leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna u dan billi hija ma vvantat l-ebda jedd fuq il-fond in kwistjoni u b'hekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju."* (fol. 3).